MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Numru. 610/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**VS**

**CARMEL GRECH**
**CRISTINO GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Cristino Grech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 111272 (M) u l-imsemmi Carmel Crech, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 274570 (M).

**Akkuzati talli:**

F’xi lejl ta` bejn is-16 u t-18 ta` Lulju, 2002, f’dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta` diversi oggetti minn propjeta` privata sitwata fi Triq Santa Maria, gewwa l-Maghtab, Limiti tan-Naxxar, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitt Lira (LM100) izda mhux l-elf Lira Maltin (LM1,000), sar ghad-deteriment ta` Victor Chetcuti minn Naxxar;

F’xi hin bejn is-27 ta` Frar, 2002, u l-4 ta` Marzu, 2002, f’dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta` mutur tal-bahar *outboard* tad-ditta Yamaha 9.9 minn fuq daghjsa bl-isem Il-Huttafa li kienet irmiggjata fil-Yacht Marina ta` Tax-Xbiex liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt Lira Maltin izda mhux l-elf Lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa, sar ghad-deteriment ta` Carmel Tonna mill-Hamrun;

Akkuzati ukoll talli fil-Maghtab, Limiti tan-Naxxar, fil-25 ta` Lulju, 2002, u fix-xhur ta` qabel din id-data xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-elf Lira Maltin, li gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghom jew imexxuhom;

Fl-ahhar nett gew akkuzati ukoll talli fil-25 ta` Lulju, 2002, halfu l-falz quddiem imhallef, magistrat jew ufficjal iehor li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 261 (a) (b) (c) (f) (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279, 280, 281, 334, 108 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-provi u ezaminat d-dokumenti kollha esebiti tirrimarka illi dan il-kaz jirrisali ghal Lulju 2002 cioe` iktar minn tlettax il-sena ilu, illi meta nfetah dan il-process il-Qorti nnutat li ghaddew hames jew sitt rinviji mill-Avukat Generali sakemm din il-Qorti diversament preseduta semghet xi xhud jew iehor.

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta` Victor Chetcuti idderubat li gharaf xi sigar taz-zebbug li kienu gewwa l-ghalqa ta` certu Raymond Calleja gewwa Haz Zebbug, dan huwa identifikhom minhabba injama li bihom kienu marbutin dawn l-istess sigar taz-Zebbug. Huwa stess kien ghamel dan l-injam specjali. Iktar tard, mghajjat hemm mill-Ufficjali Investigaturi, huwa gharaf magna mutur tal-hart li, dak il-hin, kien jinsab gewwa ghalqa ta` Saverja gewwa il-Maghtab.

Xehdu wkoll l-Ispetturi Chris Pullicino u DennisTheuma li fil-mori ta` din l-investigazzjoni, sabu fil-propjeta tal-imputati l-magna tal-hart kif ukoll mutur tal-bahar illi sussegwentement, irrizulta li kien misruq u dan minbarra s-sigar taz-zebbug sopramenzjonati. Gie jixhed certu wiehed Carmel Tonna sid ta` dan il-mutur tal-bahar li gharaf dan il-mutur bhala tieghu.

Illi jirrizulta wkoll minn dina x-xhieda illi matul din l-investigazzjoni, iz-zewg imputati kienu ghamlu stqarrija guramentata quddiem Dr. Ludwig Dimech li huma ma kellhomx l-ebda sehem jew involviment f’din l-istorja. Dana xehdu wkoll Dr. Ludwig Caruana stess liema xhieda hija kkonfermata mill-process verbal esebit li jikkontjeni x-xhieda guramentata taz-zewg imputati. Illi xehdu wkoll PS 321 Alan Legrasta u l-Ispettur Simon Galea, PC 1261 James Pace li lkoll kienu involuti fl-investigazzjoni u li jikkoraboraw lill-Ispetturi Pullicino fix-xhieda tieghu. Giet ukollipprezentata relazzjoni ta` PS 644 B. Camilleri u PC

1147 A. Fenech u kkonfermata minnhom bil-gurament, PS 245 u PS 46 wkoll taw ix-xhieda taghhom kif ukoll l-espert tekniku Alfred Camenzuli.

Fl-ahhar nett u disgha snin wara li beda dan il-kaz, xehed bil-gurament il-komplici l-iehor Raymond Calleja li kkonferma l-partecipazzjoni tieghu f'din is-serqa mill-propjeta` ta` Victor Chetcuti u dan huwa ghamlu fil-kumpanija ta` Cristino u Carmel Grech. Minn din ix-xhieda, jidher li din is-serqa partikolari saret unikament taht id-direzzjoni taghhom.

Illi, xehed l-imputat Carmel Grech illi, fix-xhieda tieghu jghid illi ma jaf xejn dwar dawn is-sigar u jinsinwa illi kien Raymond Calleja illi kien responsabbli ghalihom, ghas-sejba taghhom fil-propjeta tieghu u dana ad insaputa tieghu u ta` huh. Huwa jghid li Calleja kien fdat minnhom u, minhabba f'hekk, huwa kellu access shih u liberu ghal gol-propjeta` taghhom. L-imputat l-iehor Cristino qatt ma xehed f'dawn il-proceduri. Izda din il-verzjoni mhix kredibbli wisq u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-mutur tal-bahar kienu ilu misruq ghal diversi xhur jekk mhux snin, vide xhieda Carmel Tonna, possibli illi kieku dak li qed jghid Carmel Grech kien veru, l-ahwa imputati ma kinux jindunaw bil-presenza tal-mutur tfil-propjeta` taghhom u jkellmu lil Raymond Calleja jew almenu lill-pulizija?
2. Li Raymond Calleja qatt ma gie akkuzat bis-serqa tal-mutur tal-bahar.
3. Jirrizulta illi r-rifurtiva tas-serqa mill-Maghtab giet imqassma f'xi sigar li baqghu taht il-kontroll ta` Raymond Calleja fil-propjeta tieghu.

Ghalhekk il-verzjoni tad-difiza ma tistax tigi emnuta. Xehed ukoll l-Ispettur Chris Pullicino in kontro-ezami. Illi ghalhekk, mill-provi prodotti, jirrizultaw li mis-sussegwenti akkuzi kontra z-zewg imputati u dana minhabba

1. ix-xhieda ta Raymond Calleja u

2. is-sejba tar-rifurtiva.

L-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement, it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement, izda fil-konfront tal-mutur tal-bahar tirrizulta t-tielet imputazzjoni. Ir-raba` imputazzjoni tirrizulta wkoll sodisfacentement u cioe` dik tal-gurament falz.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz temmen illi piena karcerarja effettiva m'hijiex is-soluzzjoni f'dan il-kaz. Il-Qorti hadet ukoll il-fatt ta` zmien twil illi din il-kawza hadet sakemm tigi deciza. Ghaldaqstant filwaqt li ssib lill-imputati hatja kif diga ddikjarat qeghda tikundannhom ghal sentejn (2) prigunerija izda tordna illi a tenur tal-artikolu 28 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta din il-piena karcerarja ma tibdiex issehh jekk fi zmien tliet (3) snin mill-lum l-imputati jinstabu hatja ta` reat iehor li bih iggib il-piena ta` prigunerija. Il-Qorti qed taghti din is-sentenza wkoll wara li giet sodisfatta illi r-rifurtiva fl-interita taghha giet moghtija lura lis-sidien legali taghha.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati Grech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------